

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Applus Servicios Tecnológicos, S.L. (li qabel kienet Agbar Automotive, S.L.)

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva "A+" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 35, 36, 37, 40, 41 u 42 — applikazzjoni Nru 2 933 356

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat fil-proċedimenti ta' l-oppożizzjoni: Lufthansa AirPlus Servicekarten GbmH

Trade mark jew sinjal invokat: It-trade mark Komunitarja "Airplus International" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 35, 36 u 42

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: Ċaħda ta' l-oppożizzjoni

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Ċaħda ta' l-appell

Motivi: Ksur ta' l-Artikoli 8(1) u 8(5) kif ukoll ta' l-Artikoli 73, 74 u 79 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94.

Ir-rikorrenzi ssostni li l-Bord ta' l-Appell m'evalwax il-kriterji ta' l-identikità tal-prodotti u tas-servizzi kif ukoll tax-xebh bejn it-trade marks u injora r-reputazzjoni li kienet tgawdi t-trade mark preċedenti. Minbarra dan, hija tqis li l-Bord ta' l-Appell kiser l-obbligu li jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu. Minbarra dan, skond ir-rikorrenzi, il-Bord ta' l-Appell ma llimitax ruħu sabiex jeżamina l-fatti, il-provi u l-argumenti mhux ikkontestati ppreżentati mill-partijiet. Ir-rikorrenzi tiddikjara wkoll li l-Uffiċċju ppreġudika serjament id-drittijiet tad-difiża billi ma informahix bis-sostituzzjoni ta' kumpannija oħra għall-proprietarju tat-trade mark Komunitarja. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenzi tallega li l-Bord ta' l-Appell eċċeda l-poteri tiegħu billi ħa in kunsiderazzjoni, mingħajr ġustifikazzjoni, l-osservazzjonijiet imressqa mill-proprietarju tat-trade mark wara li skada t-terminu stabbilit mill-Uffiċċju.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Awwissu 2007 — Kenitex Química vs L-UASI — Chemicals International (Kenitex TINTAS A qualidade da cor)

(Kawża T-322/07)

(2007/C 269/92)

Lingwa tar-rikors: Il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenzi: Kenitex Química, S.A. (Manique, Estoril, il-Portugall) (rappreżentant: M. Pardete Reis, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Chemicals International Establishment

Talbiet tar-rikorrenzi

— tannulla d-Deċiżjoni tar-Raba Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, tad-19 ta' Ġunju 2007, li ġiet innotifikata lir-rikorrenzi, permezz ta' *telex* fil-25 ta' Ġunju 2007, fil-proċedura ta' annullament Nru 879 C 001553742/1 (Reġistru tat-trade marks Komunitarji Nru 1553742), li għaliha jikkorrispondi n-numru tar-rikors R 330/2006-4 u, konsegwentement, tiddikjara lit-trade mark Komunitarja Nru 1553742 "KENITEX TINTAS A QUALIDADE DA COR", li saret l-applikazzjoni għaliha fit-13 ta' Marzu 2000 u li ġiet irreġistrata fit-22 ta' Mejju 2001, valida;

— tikkundanna lill-UASI jbati l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Fit-22 ta' Mejju 2001, fuq applikazzjoni tar-rikorrenzi, it-trade mark Komunitarja figurattiva "KENITEX TINTAS A QUALIDADE DA COR" ġiet irreġistrata għal prodotti fil-klassijiet 1, 2 u 19 tal-klassifikazzjoni ta' Nizza (kimiċi għall-użu fl-industrija, raża artifiċjali, żebgħa, verniċ, żmalt, dilwenti, raża naturali, metalli għall-bajjada; materjali tal-bini mhux metalliċi, blokki ta' l-asfalt, kisi, barrieri ta' sigurtà għat-toroq, ħġieġ għall-bini).

Chemical International Establishment talbet l-annullament tat-trade mark Komunitarja abbażi ta' l-eżistenza ta' reġistrazzjonijiet preċedenti tat-trade marks nazzjonali figurattivi "Kenitex" għal prodotti fil-klassi 2 (żebgħa dekorattiva) fil-Portugall, "Kenitex", għal prodotti fil-klassijiet 2 u 19 (kisi ta' kuluri differenti għall-bini) fi Franza u "Kenitex" għall-prodotti fil-klassijiet 1, 2, 17 u 19 (prodotti li ma jieħdux in-nar u impermejabbli, żebgħa u kisi) fil-pajjiżi tal-Benelux.

Id-Diviżjoni ta' l-Annulament laqgħet it-talba għall-annullament u l-Bord ta' l-Appell ċaħad l-appell imressaq mir-rikorrenzi kontra din id-deċiżjoni, minħabba li kienet teżisti probabbiltà ta' konfużjoni minħabba x-xebh tal-prodotti u tas-sinjali.

Ir-rikorrenzi tallega l-ksur ta' l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94⁽¹⁾, minħabba li m'hemmx probabbiltà ta' konfużjoni bejn iż-żewġ sinjali u minħabba li s-sinjali tar-rikorrenzi jikkorrispondi ma' l-isem tal-kumpannija (impriża) tagħha u ma' l-isem tad-ditta rreġistrat fil-Portugall, ma' l-Instituto Nacional de Propriedade Industrial (INPI).

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 11, p. 1).